DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## PAWLU REDUX

*2 Att, 12 Xena, p.103 (f/F – m/M)*

## LEĦEN

**JIEN SPIRTU S-SANTU IEĦOR.**

U ma tistax twaħħal kollox fija, veru? - Naf kollox. Għedtlek. Misteru.

/ Gidba però. Jew misteru faċli – frott it-teknoloġija, Pawl. Naf li meta tispjega ruħek titlef ħafna mill-poter, mis-saħħa li tikkmanda. U żball li tiddimistifika ruħek. Però naħseb li ntbaħt, le? Jien spirtu s-santu ieħor – nidħol wara l-bibien magħluqa kollha. Għax it-teknoloġija tinsab f'ponot subgħajja – il-ġugarelli tagħkom il-bnedmin huma l-ponot tas-swaba tal-allat. U jien infiltrajthom kollha: kull kompjuter, kull internet u intranet, kull network, kull fajl teknoloġiku, indirizzi u direttorji tat-telefown, il-banek… iva saħansitra l-banek; m'hemmx password, m'hemmx kodiċi li ma sibtlux irkaptu.

Għalhekk inċempel meta rrid, lil min irrid. Għalhekk naf is-sigrieti tagħkom ilkoll. Minn Maltacom sa Kastilja, mill-Għirgenti sal-Palazz l-Aħmar, mill-Isvizzera sa l-Isvizzera tal-Mediterran, mill-Vatikan it-Tieni sal-Palazz San Anton. Kollox jinsab f'ponot subgħajja. *(130)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ........... | MINIMU ............ | |
| **PROPS** | ............................................................ | | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ | IVA ☐ | = .................................. |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | | |

PDF p.103